MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 293/2000/1

**CSMR (1994) Ltd**

**Vs**

**Bernard Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tmintax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm618.75) ammont ta' merkanzija li l-konvenut biegh meta kien jahdem mas-socjeta attrici izda zamm il-flus u gabar ghalih u m'ghaddiejhomx lis-socjeta' CSMR (1994) Ltd.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 1999 u tal-mandat ta' sekwestru 774/00 u bl-

imghax mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti ) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi primarjament u fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici stante illi ma hux minnu illi l-konvenut gabar xi flus u ma ghaddihomx lis-socjeta attrici u ghaldaqstant hija ghandha tissostanzja din l-allegazzjoni billi turi lil minn din il-merkanzija giet mibjugha, kemm kien l-ammont tal-bejgh u meta sar dan il-bejgh, b'riserva da parti tal-konvenut li jistitwixxi dawk il-proceduri kollha opportuni kontra l-istess socjeta attrici jew diretturi taghha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi d-digrieti taghha moghtija fl-4 ta' Marzu 2003 (fol 53 ibid) fis-26 ta' Lulju 2004 (fol 58 ibid).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta attrici pproduciet diversi xhieda u dokumenti in sostenn tat-talba taghha u kif ser jinghad:-

a) Charles Sullivan (fol 10 et seq ibid) spjega li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici bhala 'salesman' u dam hemm impjegat ghal perjodu ta' madwar ghaxar snin, sa Marzu 1999, f'liema xahar l-konvenut stess ried jittermina l-impjieg tieghu. Wara li l-konvenut kien ircieva l-hlas ta' dak kollu dovut lilu in rigward paga u "bonus" (ara fol 19 sa fol 21 ibid) il-kontrolllur finanzjarju tal-istess socjeta attrici kien gibidlu l-attenzjoni illi f'idejn il-konvenut kien hemm merkanzija li kienet giet ordnata minn klijent tal-istess socjeta bl-isem ta' Ray Max Zammit izda li ma giet konsenjata lil dan tal-ahhar. Inoltre f'idejn l-istess konvenut kien ghad hemm fil-pussess tieghu, s-somma ta' Lm40 li kien jirreferu ghal konsenja ta' merkanzija li kienet saret lil klijent iehor. Dwar dan, il-konvenut kien qal lix-xhud illi l-merkanzija

msemmija kienet giet konsenjata izda lil klijent iehor "… u kien ser jaghti lura l-flus" waqt li ried jivverifika dwar il-flus ammontanti ghal Lm40. Wara li ghadda certu perjodu ta' zmien, is-socjeta attrici kienet kostretta li tiehu proceduri legali kontra l-konvenut. Wara li dawn il-proceduri kienu nbdew, mart il-konvenut kienet ghamlet proposta li l-konvenut jerga jigi impjegat mas-socjeta attrici, minghajr salarju jew paga "… u dan sabiex jaqta' d-dejn dovut minnu izda tali offerta ma kienetx giet accettata".

b) Alfred Cachia (fol 13 et seq ibid) impjegat bhala "accounts clerk" mas-socjeta' attrici kkonferma illi l-konvenut kien debitur tal-istess socjeta fl-ammont komplessiv ta' Lm618.75,0 in rigward zewg kontijiet kif spjegat fl-istess xhieda u kif di gja spjegat mix-xhud precedenti (ara z-zewg dokumenti esebiti mill-istess xhud a fol 22 u fol 23 ibid).

c) Karl Degiovanni (fol 15 u fol 16 ibid), il-kontrollur finanzjarju prezenti tal-istess socjeta, rripeta u ikkonferma dak li xehdu iz-zewg xhida precedenti.

d) Il-Prokuratur legali Davina Sullivan (fol 17 ibid) semmiet illi l-konvenut kien, permezz ta' telefonata, informaha, wara li nbdew il-proceduri legali kontra tieghu, illi "… kien ser jhallas il-flus …. peress li kienu dovuti minnu" permezz ta' pagamenti mensili zghar. Pero din il-proposta ma kienetx accetta minn Charles Sullivan.

e) Joseph Buttigieg (fol 29 u 30 ibid) ikkonferma li kien hallas l-Lm40 gja msemmija (ara ukoll id-dokument a fol 23 ibid). Dan l-ammont kien thallas minnu "… lil certu Bernard". In rigward id-dokument imsemmi li hu l-ircevuta tal-hlas, din giet iffirmata minn Bernard Bugeja.

f) Max Zammit (fol 31 ibid) li jiggestixxi s-socjeta Ray Max Ltd, ikkonfermat b'referenza ghad-dokument a fol 22 tal-atti, ikkonferma li l-merkanzija hawn fuq imsemmija qatt ma kienet giet konsenjata lilu. Dwar dan hu qal testwalment "Jiena irrimarkajtlu (lir-rappresentant tas-socjeta attrici) li kont ilni sena' ma nixtri minghandhom b'referenza ghall-istess socjeta).

g) Fl-ahhar nett xehed Lino Farrugia li kien il-kontrollur finanzjarju meta' l-konvenut kien ghadu impjegat mas-socjeta attrici (fol 47 u fol 48 ibid). Pero' din ix-xhieda ma tantx tidher li hi 'rilevanti ghal dan il-kaz, hlief li ssir referneza ghal dak li kien qal, lilu, l-konvenut meta ix-

xhud u dan kienu gew impjegati ma' socjeta ohra, wara li spiccaw mill-impjieg taghha mas-socjeta attrici. Difatti, f'okkazjoni wahda, il-konvenut kien qalli " …. Ghidlu (lil Charles Sullivan) issa nirrangaw".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 50 ibid) kien beda jixhed izda ghar-raguni hemm specifikata kien issospenda d-deposizzoni tieghu. Sussegwentement, pero', ma gab ebda prova (ara fol 49, fol 51, fol 54, fol 55, fol 56, fol 57 u fol 58 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess, jidher u jirrisulta li gie, ampjament, pruvat li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm618.75,0 bl-imghax legali mid-19 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 1999 u tal-mandat tal-sekwestru kawtelatorju numru 774/00.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------